MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Numru. 34/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**ANGELO BUTTIGIEG**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Angelo Buttigieg bin Michelle u Publia nee` Costa imwieled 23 ta' Marzu 1925 u residenti Nru 33A, Triq L-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 25825 G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-14 ta' Dicembru 2003 ghall-habta tal-5.20pm fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex:

1 Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBC 306 b'manjiera traskurata,

2 Perikoluza (Art 15 1A Kap 65),

3 B'nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti habat ma' vettura Numru EAE 887 u kkaguna hsara b'detriment ta' Kurt Azzopardi mix-Xaghra, Ghawdex (Art 328d Kap 9),

4 Aktar talli b'konsegwenza ta' l-istess habta kkaguna feriti ta'natura gravi fuq Melissa Francine Mary Camilleri minn Sannat, Ghawdex li kienet passiggiera go karozza Numru EAE 887 skond kif iccertifikata Dr Patrick Sciberras M.D. ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex (Art 216 Kap 9).

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li jidhrilha xieraq.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni;

Rat illi Melissa Camilleri u Kurt Azzopardi rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputat u ghalhekk iddikjaraw li m'ghadx ghandhom interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri u konsegwentement minhabba r-rinunzja ghalhekk il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit.

Fuq l-ewwel, it-tieni u r-raba akkuzi fuq nuqqas ta’ provi ma ssibux hati u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------